MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Numru. 761/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Francis Debono**
**Francis Meli**
**Daniel Cuschieri**
**George Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Francis Debono ta’ 41 sena, bin Frans u Josephine nee Saliba, imwieled Pieta fl-10 ta’ Novembru 1966 u joqghod No. 2, “Palma Hse”, Housing Estate Safi, detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru: 469666(M)

Francis Meli ta’ 38 sena, bin Joseph u Concetta nee Pisani, imwieled Pieta fil-11 ta’ Gunju 1970 u joqghod, Flat 2, “Salvatore Court”, Triq l-Ghannejja, Qajjenza, B’Bugia, detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 271570(M)

Daniel Cuschieri ta’ 27 sena, bin Joseph u Frances nee Gauci, imwieled Pieta, fl-1 ta’ Frar 1981 u joqghod, Nru. 144, Triq Guze D’Amato, Paola, detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 105581(M)

George Falzon ta’ 23 sena, bin Saviour u Miriam nee Gatt, imwieled Pieta, fit-12 ta’ Ottubru 1984 u joqghod Nru. 24, Triq il-Kbira, Qormi, detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 508284(M)

Akkuzati:

Talli, fid-9 ta’ Awissu 2008 ghall-habta ta’ bejn it-8.00p.m. u d-9.00p.m., waqt li kienu fi Triq tal-Borg, Rahal Gdid u fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, sitwat fi Triq Valletta, Rahal Gdid, ghamlu offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna tal-prigunier Perry Ingomar Toornstra skont kif iccertifika Dr. Daniel Cauchi MD (Reg. 5124) mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-Artikolu 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli, fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjali jew impjegati pubblici jew bhala persuni ohra li kienu qed jagixxu f’kapacita ufficjali, xjentement inflingew fuq persuna ugiegh jew tbatija gravi, sew jekk fizika sew jekk mentali, u dan bi ksur tal-Artikolu 139A(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi hebbew ghal Perry Ingomar Toornstra sabiex jingurjawh, iddejjquh jew jaghmlulu hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi imbottaw lill-imsemmi Perry Ingomar Toornstra sabiex iweggawh

jew jinsulentawh u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Liema reati bhala Ufficcjali Pubblici cioe Ufficcjali tal-Habs kellhom jissorveljaw biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga taghhom kellhom id-dmir li jimpedixxu.

Francis Debono u Francis Meli wahedhom:

Akkuzati talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, bil-harba tal-ikkundannat Perry Ingomar Toornstra, li saret bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hsieb taghhom bhala persuni li lilhom kienet fdatat il-kustodja, l-ghassa jew transport tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 153 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Perry Ingomar Toornstra u tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fis-26 ta' Settembru 2008,[1] fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

<u>Fil-konfront ta' Francis Debono u Francis Meli</u>

(a) fl-artikoli 214, 216, 139A(b), 339(1)(d)(e)(l), 141, 153, 533 tal-Kodici Kriminali

<u>Fil-konfront ta' Daniel Cuschieri u George Falzon</u>

(a) fl-artikoli 214, 216, 139A(b), 339(1)(d)(e)(l), 141, 533 tal-Kodici Kriminali

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

[1] A fol. 307 tal-process.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat n-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri u li fuqhom m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. L-imputati huma kollha gwardjani fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

2. Fid-9 t'Awwissu 2008, prigunier ta' nazzjonalita Olandiza, Perry Ingomar Toornstra, li kien qieghed jiskonta sentenza ta' hmistax (15)-il sena habs ghal traffikar ta' droga, inghata *prison leave* sabiex imur izur xi qraba li kienu jinsabu Malta f'hotel il-Qawra.

3. L-imputati Francis Meli u Francis Debono kienu inkarigati biex imorru bhala skorta mal-prigunier Toornstra fuq dan il-*prison leave*.

4. Ghal dan il-*prison leave* intuzat vettura tat-tip Mazda li ma kellhiex sistema ta' arja kundizzjonata, pero kellha c-*child lock.*[2]

5. Il-prigunier Toornstra ma giex immanettjat fit-tragitt bil-vettura, u kien riekeb fuq wara.

6. Huma u gejjin lura mill-Qawra, wara s-sebgha ta' fil-ghaxija (7.00pm) il-prigunier talabhom jiftah it-tieqa u l-imputat Meli ma sabx oggezzjoni, li jnizzel il-hgiega.[3]

7. Hekk kif il-vettura kienet ezatt quddiem l-ewwel bieb tal-habs, u s-sewwieq, l-imputat Francis Debono, kien qed jistenna li jinfetah dan l-istess bieb halli jidhlu gewwa l-bini tal-Facilita' ta' Kordin, il-prigunier hareg idu mit-tieqa, fetah il-bieba tal-vettura minn barra u harab jigri, lejn id-direzzjoni tal-pjazza ta' Rahal Gdid.

---

[2] Xhieda tal-imputat Frank Meli a fol. 261 tal-process.

[3] Xhieda tal-imputat Frank Meli a fol. 263 tal-process.

8. L-imputati Debono u Meli hallew il-vettura fejn kienet u telqu jigru kemm kellhom sahha ghal warajh, u rnexxielhom jilhquh fi Triq tal-Borg, Rahal Gdid, liema triq hija *side street* mal-fergha tal-HSBC Bank (Malta) fil-pjazza ta' Rahal Gdid.

X'gara minn hawn il-quddiem hemm zewg verzjonijiet kontrastanti – wahda tal-prigunier Toornstra u l-ohra tal-imputati.

*Verzjoni tal-Fatti ta' Perry Toornstra*

Fix-xhieda tieghu,[4] il-prigunier Toornstra jallega li hekk kif l-imputat Francis Meli lahqu, u misslu spalltu, huwa waqaf fil-pront u ceda minghajr argumenti. L-imputat Meli immanettjah, u Toornstra jghid li malli gie immanettjat l-imputati Meli u Debono bdew isawwtuh fis-*side street*, u bdew ituh kemm fuq wiccu bil-ponnijiet kif ukoll jaghtuh bis-sieq fuq daharu u fuq l-istonku tieghu. Imbaghad giet karozza u dahhluh fiha billi gebbduh minn widnejh, u waqt li kien fil-karozza komplew ituh. Fil-karozza kien hemm xi hadd miz-zewg imputati l-ohra imma ma ftakarx min.

Il-prigunier Toornstra xehed ukoll illi meta dahlu l-*gate* tal-habs huma regghu gebbduh minn widnejh barra mill-karozza, tellghuh it-tarag u dahlu fil-habs, u iddirigewh ghal kurutur. Huwa jallega li malli dahhlu l-habs, l-erba' (4) imputati bdew isawwtuh u jtuh bis-sieq, u hu kien mal-art u ma setghax jiddefendi ruhu ghax kien immanettjat. Jghid li fil-kurutur kien hemm madwar sitt (6) ufficcjali jsawtuh, imma huwa kien gharaf biss lill-erba' (4) imputati. Damu jsawwtuh xi hames (5) minuti, imbaghad waqqfu ghaliex ufficjal iehor tal-habs, is-Sur Raymond waqqafhom. Imbaghad nehhewlu l-manetti u haduh f'cella f'Division 6. Huwa talab lin-nurse li giet ittih xi *pain killers* biex jarah tabib, imma din telqet il'barra u ma kellmitu xejn. Jghid ukoll li lmenta man-*night officer* sabiex igiblu tabib ghax kien mugugh.

[4] Ara xhieda ta' Perry Toornstra a fol. 43 *et seq.* tal-process.

Il-prigunier jghid li l-ghada s-Sibt rega' staqsa biex igibulu tabib, imma t-tabib tal-Habs, Dottor Tonna, mar jarah biss il-Hadd xi d-disgha ta' fil-ghaxija (9.00pm) u baghtu l-isptar immedjatament.

*Verzjoni tal-Fatti tal-Imputati*

Skont l-imputati, wara li l-imputati Debono u Meli telqu jigru wara l-prigunier li harab, tlett ufficcjali ohra hargu mill-Facilita' sabiex jassistu lill-kollegi taghhom. L-imputat Daniel Cuschieri u l-Maggur James Abela hargu jigru wkoll wara l-prigunier, u l-imputat George Cuschieri saq il-vettura Mazda li kienu hallew l-imputati Meli u Debono. L-imputat Falzon lahaq lill-Maggur Abela u lill-imputat Cuschieri hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid, u ghabbiehom fil-vettura. X'hin waslu hdejn l-HSBC lemhu lill-imputati Meli u Debono jipprovaw jikkontrollaw lill-prigunier, li kien qed jirrezisti l-arrest.

Pero fl-ahhar Toornstra gie ikkontrollat mill-imputati Meli u Debono u mmanettjat b'idejh fuq quddiem. Minkejja li kien immanettjat, il-prigunier baqa' aggressiv u hames ufficjali xorta sabuha difficli jdahhluh fil-vettura tas-servizz. L-imputati Cuschieri, Falzon u Meli flimkien mal-prigunier marru bil-vettura lejn il-facilita, filwaqt li Abela u l-imputat Debono mxewha lura lejn il-Facilita'.

Waqt li kienu qed jissaraw biex jikkontrollaw lill-prigunier, l-imputat Debono sloga l-ghaksa,[5] fil-waqt li l-imputat Meli sofra kontuzjoni u grif fil-pala tal-id il-leminija u kontuzjoni f'dahru.[6]

Ghalkemm kienu dahlu fil-Facilita', il-prigunier xorta baqa' aggressiv. Malli nhareg mill-vettura, il-prigunier Toornstra ipprova jibqa' sejjer dritt lejn ic-Central Hall. Minhabba li kien ghadu aggressiv u li kien waqt il-hin tal-*fall in* tat-tmienja ta' fil-ghaxija (8.00pm) u sabiex ma jinqalax pandemonju shih fost il-prigunieri l-ohra li kull skuza fl-

[5] Ara certifikat mediku ezebit a fol. 21 tal-Inkjesta dwar l-*in genere*, ezebita bhala Dok NF a fol. 95 tal-process.

[6] Ara certifikat mediku ezebit a fol. 15 tal-Inkjesta dwar l-*in genere*, ezebita bhala Dok NF a fol. 95 tal-process.

ambjent ta' habs hija valida sabiex tqum rewwixta, gie mehud lejn l-ufficcju tal-SRT, minn aktar ufficcjali, sakemm inghatat ordni fejn ser jinzamm l-istess Toornstra. L-ordni inghatat li ghandu jittiehed fil- *maximum security division*, cioe f'Division 6, f'cella 7.

Il-prigunier mexa wahdu lejn ic-cella tieghu, minghajr ebda ghajnuna u minghajr l-ebda ilment. Intbaghtet *nurse* fic-cella tieghu li tatu zewg *panadols*. Dak il-hin Toornstra ma talabx ghat-tabib u ma allega ma hadd li kien ghadu kif gie msawwat.

Wara lejl ta' kommossjoni shiha, kif xehed l-ufficjal li kien responsabbli mal-lejl ta' Division 6, u cioe CO145 Charles Agius, Toornstra talab li jara tabib. It-tabib Dr. Tonna ra lill-prigunier il-Hadd fil-ghaxija u rriferieh l-isptar fejn wara 24 siegha ntbaghat lura lejn il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

*<u>Konkluzjonijiet tal-espert medikolegali Dottor Mario Scerri</u>*

L-espert medikolegali Dottor Mario Scerri, mahtur mill-Magistrat Inkwerenti u ikkonfermat minn din il-Qorti, ikkonkluda hekk:[7]

*"1. Illi Toorstra* (recte Toornstra kull fejn tidher din il-kelma f'dan ir-rapport) *ddahhal l-isptar Mater Dei nhar l-10 t'Awissu 2008, peress illi kien qieghed jobzoq id-demm u kellu ugiegh f'sidru;*

*2. ... ...*

*3. Illi l-lezjonijiet deskritti fuq il-mohh kienu ilhom madwar jumejn mill-gurnata tal-ezami medikolegali u kienu kompatibbli ma' grif u blunt trauma;*

*4. Illi l-lezjonijiet deskritti fuq in-naha tal-lemin tal-wicc kienu ilhom li saru madwar jumejn mill-gurnata tal-ezami medikolegali u kienu kompatibbli ma' grif u blunt trauma;*

[7] Ara fol. 51 *et seq.* tar-relazzjoni ta' Dottor Mario Scerri, ezebita bhala Dok MS a fol. 127 *et seq.* tal-process.

*5. Illi l-lezjonijiet deskritti fuq in-naha tax-xellug tal-wicc kienu ilhom li saru madwar jumejn mill-gurnata tal-ezami medikolegali u kienu kompatibbli ma' grif;*

*6. Illi l-lezjonijiet deskritti fuq l-aspett anterjuri tal-parti ta' fuq tan-naha tal-lemin tas-sider kienu ilhom li saru madwar jumejn u kompatibbli ma' grif;*

*7. Illi l-lezjonijiet deskritti fuq l-ispalla l-leminija kienu ilhom li saru madwar jumejn u kompatibbli ma' blunt trauma;*

*8. Illi l-lezjoni deskritta fuq l-iscapular region tan-naha tal-lemin kienet ilha li saret madwar jumejn u kompatibbli ma' blunt trauma;*

*9. Illi l-lezjoni deskritta bhala **9[D]**,**11** u **12** kienet ilha li saret madwar jumejn mid-data tal-ezami medikolegali u kompatibbli ma' bootmark;*[8]

*10. Illi l-lezjonijiet deskritti fuq l-aspett posterjuri tal-ghonq kienu ilhom li saru madwar jumejn u kompatibbli ma' blunt trauma;*

*11. Illi l-grif deskritt fuq id-dahar kien ilu li sar madwar jumejn mid-data tal-ezami medikolegali u kompatibbli ma' grif;*

*12. Illi l-abrazjoni deskritta fuq l-iscapular region tax-xellug kienet ilha li saret madwar jumejn u kompatibbli ma' blunt trauma;*

*13. Illi l-abrazjoni deskritta fuq l-ispalla x-xellugija kienet ilha li saret madwar jumejn u kompatibbli ma' blunt trauma;*

*14. Illi t-tbengila assocjata m'abrazjoni deskritta fuq il-parti t'isfel tan-naha tax-xellug tad-dahar kienet ilha li saret madwar jumejn u kompatibbli ma' bootmark. Din hija deskritta bhala lezjoni fir-ritratt **19[A] u [B]***;

[8] Din il-*bootmark* kienet fuq l-aspett posteromedjali tal-parti ta' fuq tad-driegh tal-lemin ta' Toornstera.

*15. Illi l-lezjoni deskritta fuq l-aspett posterolaterali tal-parti t'isfel tan-naha tal-lemin tad-dahar kienet ilha li saret madwar jumejn u kompatibbli ma' bootmark;*

*16. Illi l-lezjoni deskritta fuq l-aspett posterjuri tal-lumbar region tal-lemin kienet ilha li saret madwar jumejn u kompatibbli ma' bootmark;*

*17. Illi l-abrazjoni deskritta fuq l-armpit tal-lemin kienet ilha li saret madwar jumejn u kompatibbli ma' grif;*

*18. Illi l-lezjonijiet fuq l-aspett medjali tal-parti ta' fuq tad-driegh tal-lemin kienu ilhom li saru madwar jumejn u kompatibbli ma' grif;*

*19. Illi l-lezjonijiet deskritti madwar il-polz tal-lemin kienu ilhom li saru madwar jumejn u kompatibbli m'abrazjonijiet maghmulin min-manetti;*

*20. Illi l-lezjonijiet deskritti fuq l-estrimitajiet inferjuri kienu ilhom li saru madwar jumejn u kompatibbli ma' blunt trauma;*

*21. Illi kien hemm evidenza radjologika ta' frattura tad-9 kustilja fuq in-naha tal-lemin;*

*22. Illi din il-frattura kienet rizultat tat-trawma diretta maghmula minn qiegh ta' zarbun hekk kif indikat aktar 'il fuq u hija ta' natura gravi perdurata;*

*23. Illi in vista ta' dan kollu jidher bic-car illi dawn il-lezjonijiet ma kienux kompatibbli ma' resisted arrest izda kompatibbli ma swat.*

*24. Illi jidher ukoll illi Toorstra ma offrix rezistenza ghal dan is-swat ghar-ragunijiet illi ma kienx hemm evidenza ta' dan fuq l-estremitajiet superjuri, u ghalhekk l-esponent jaqbel illi Toorstra safa msawwat waqt li dan kien immanettjat;*

*25. Illi minghajr dubju dawk il-lezjonijiet imsemmija u deskritti fid-dettal huma kompatibbli ma' bootmarks;*

*26. Illi l-esponent m'ghandu l-ebda dubju li ntuzat forza esagerata fuq Toorstra mill-Awtoritajiet kompetenti, wara li dan ipprova jahrab mill-kustodja taghhom;*

*27. Illi barra minn dan jirrizulta wkoll minn noti tat-tabib Dr. Tonna li l-awtoritajiet tal-habs damu ma jinfurmaw lit-tabib tal-habs li detenut li kien fil-kustodja kellu xi lezjonijiet fuq partijiet ta' gismu li kienu vizibbli u li kellhom bzonn jigu ezaminati minn persuna kompetenti, molto piu, meta din l-istess persuna allegat li sfat imsawwta."*

**Konsiderazzjonijiet dwar Eccezzjonijiet ta' Natura Preliminari**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-imputati qajjmu diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari. Ghalkemm hafna minnhom gew sottomessi lejn l-ahhar tan-nota taghhom, il-Qorti thoss li jkun opportun, li xi whud minnhom jigu ikkunsidrati u trattati f'dan l-istadju preliminari.

*Is-sottomissjoni li l-konkluzjonijiet fir-rapport tal-Espert Dottor Mario Scerri huma erronji u ultra vires*

Fin-nota taghhom,[9] l-imputati jissottomettu illi t-tabib Dottor Mario Scerri, ghalkemm kien mqabbad bhala espert tal-Qorti, ma seta' qatt jasal ghall-konkluzjoni tieghu li: *"il-lezjonijiet (fuq Toornstra) ma kienux kompatibbli ma resisted arrest izda kompatibbli ma' swat ... ... ma ghandu l-ebda dubbju li ntuzat forza esagerata fuq Toornstra mill-Awtoritajiet kompetenti."* L-imputati jaghmlu din is-sottomissjoni principalment ghaliex, skont huma, l-espert sema' biss il-verzjoni ta' Toornstra, ma ezaminax lill-imputati Meli u Debono li wkoll wegghu f'dan l-incident, u li l-konkluzjonijiet tieghu dwar il-forza

[9] Ara fol. 355-356 tal-process.

esagerata o meno kienu *ultra vires* in-nomina tieghu fl-inkjesta u zbaljati, ghax b'dawn il-konkluzjonijiet Dottor Scerri kien qed jaghmilha mhux biss ta' espert izda wkoll ta' *judge and jury*.

Fid-digriet tal-hatra tieghu mill-Magistrat Inkwerenti, Dottor Mario Scerri gie mahtur *"sabiex bhala espert medico legali jaghmel l-ezamijiet medici necessarji fuq il-persuna ta' Perry Ingomar Toornstra u jirrelata dwar l-osservazzjonijiet tieghu lil din l-Onorabbli Qorti."*[10] Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, l-inkarigu moghti lil Dottor Scerri kien wiehed ampju hafna u huwa kien obbligat li jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu dwar kull haga relatata mal-ezamijiet medici li kellu jaghmel fuq il-persuna ta' Toornstra. Konsegwentement, il-konkluzjonijiet ta' Dottor Mario Scerri dwar jekk il-feriti in kwistjoni kienux jindikaw uzu ta' forza esagerata mill-awtoritjiet kompetenti o meno jidhlu sewwa fil-parametri tal-inkarigu tieghu.

L-imputati kellhom l-opportunita' kollha li jaghmlu l-kontro-ezami lil Dottor Mario Scerri, izda huma ghazlu li dan ma jaghmluhx.

Konsegwentement din is-sottomissjoni qed michuda.

## <u>*L-Identifikazzjoni tal-Imputati fl-Identification Parades*</u>

L-imputati jissottomettu li l-identifikazzjoni taghhom fl-*identification parades* ma kienitx wahda korretta. L-imputati gew identifikati mill-prigunier f'erba' (4) *identification parades*. Il-Magistrat Inkwerenti kienet ordnat li kull wahda minn dawn l-*identification parades* *"tkun tikkonsisti f'disgha (9) persuni ilkoll Ufficcjali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, ilkoll bl-uniformi u hadd minnhom m'ghandu jkollu xi faxex m'idu."*[11]

---

[10] Ara digriet tal-11 ta' Awwissu 2008 a fol. 7 tal-Inkjesta dwar l-*in genere*. Din il-hatra ta' Dottor Scerri bhala espert fl-inkjesta giet konfermata (flimkien mal-hatriet tal-esperti kollha fl-inkjesta) minn din il-Qorti fit-28 ta' Awwissu 2008 – ara fol. 18 tal-process.

[11] Ara fol. 63 tal-Inkjesta dwar l-*in genere*.

L-imputati jissottomettu illi dan m'huwiex kif issir *identification parade*. Skont huma, *"ghac-certezza li l-persuna identifkata hija zgur dik il-persuna, ma jridx wiehed jinghata jaghzel warda fost il-qamh, izda jrid jinghata jaghzel il-warda suspettata minn fost ward iehor tal-istess kulur u ghamla, kemm jista' jkun simili ghal warda suspettata."*[12] Huma jiccitaw in sostenn tas-sottomissjoni taghhom is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[13] fis-16 ta' Lulju 1998. Ghalhekk huma qieghdin jissottomettu li konsegwenza ta' dan in-nuqqas fl-*identification parades*, dawn il-*parades* ma jaghtu l-ebda konfort u kredibilita lil Toornstra.

Ghalkemm bhala regola generali fl-*identification parades* ghandhom jingiebu nies li jkunu tal-istess statura u dettalji fizici ohra li jixhbu lis-suspettat/i, kif gie deciz fil-kaz ta' Zammit, fil-kaz odjern, il-lanjanza tad-difiza ma treggix. Toornstra ghamel allegazzjoni preciza u specifika kontra membri tal-istaff tal-habs u hadd aktar. Dan jirreferi ghal cirku ristrett hafna ta' nies li x'aktarx – kif qalu l-istess imputati fin-nota taghhom - kienu kollha gia maghrufa ghall-prigunier. Inoltre fil-kaz prezenti, dan ic-cirku kien aktar ristrett, peress li kien ristrett ghal dawk il-gwardjani tal-habs li kienu *on duty* fil-hin tal-incident biss. Ghalhekk, dan ma kienx kaz ta' identifikazzjoni ta' xi persuna injota ghal vittma, imma biss ghal ghazla ta' min fost dawk l-impjegati tal-habs kienu wettqu r-reati allegati.

Kieku kellu jreggi dak li qed issostnu l-imputati, wiehed kien ikollu jasal biex jaghmel *identification parades* daqs kemm kien hemm gwardjani fil-habs *on duty* f'dak il-hin, u ghal kull wiehed minnhom igib minn barra tmienja (8) minn nies – differenti kull darba – li jkunu jixbhu lil dak il-gwardjan partikolari li jkun qed jitressaq ghall-identifikazzjoni. Tali prattika kienet tkun mhux biss assurda u tinvolvi hela ta' hin esagerat, izda wkoll fic-

---

[12] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati a fol. 368.

[13] *Per* Onor. Imhallef Dr. Vincent De Gaetano.

cirkostanzi kienet tkun inutli ghax dan kien kaz, kif gia inghad, ta’ identifikazzjoni specifika ta’ gwardjani minn cirku ristrett.

Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tara l-ebda mankanza fil-mod ta’ kif saru l-*identification parades.*

*Dwar l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali*

L-imputati jissottomettu li l-Avukat Generali, b’mod monk, ma specifikax a bazi ta’ liema sub-inciz qieghed jakkuza lill-imputati a tenur tal-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali. Huma jghidu wkoll li mill-provi ma tirrizulta l-ebda wahda mic-cirkostanzi kontemplati fis-sub-incizi ta’ dan l-Artikolu.

Ghalkemm, l-imputati m’humiex formalment qed jissollevaw xi nullita fil-fatt li l-Avukat Generali ma specifikax a bazi ta’ liema sub-inciz qieghed jakkuza lill-imputati a tenur tal-Artikolu 216, il-Qorti taghmilha cara li fl-opinjoni konsidrata taghha dan il-fatt ma jgib l-ebda nullita u ma jikkrea l-ebda pregudizzju lill-imputati, stante li f’kull kaz jekk – ghall-grazzja tal-argument tinstab xi htija taht xi wiehed mis-subincizi tal-Artikolu 216 - is-subincizi kollha jgorru l-istess piena, u cioe l-piena ta’ prigunerija minn tlett xhur sa tlett snin.

Naturalment, hija din il-Qorti li trid tiddeciedi a bazi tal-provi prodotti jekk jirrizultax o meno xi wiehed jew aktar mir-reati kontemplati fis-sub-incizi tal-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali, kif din il-Qorti sejra taghmel iktar l’isfel f’din is-sentenza.

*Dwar l-Artikolu 153 tal-Kodici Kriminali moghti fil-konfront tal-imputati Meli u Debono biss*

Dan l-Artikolu 153 tal-Kodici Kriminali jittratta dwar traskuraġni jew nuqqas ta’ ħsieb ta’ min tkun lilu fdata l-kustodja, eċċ. tal-persuna li taħrab. L-Avukat Generali, bhal fil-kaz tal-artikolu 216 ma japplikax distinzjoni bejn liema sub-inciz ghandu jigi applikat. L-imputati jissottomettu illi fid-dawl tal-principju *in dubbio pro reo*, din il-Qorti ghandha tikkunsidra biss is-subinciz (a), stante li

dan igorr mieghu l-anqas piena. Huma jiccittaw in sostenn tat-tezi taghhom, is-sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Cini** deciza fil-21 ta' Frar 2001, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali[14] kienet irretiniet illi: *"Fl-imsemmija nota l-Avukat Generali ma jiddistingwix bejn il-paragrafu (a) u l-paragrafu (b) tal-Artikolu 279 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk din il-Qorti ghandha tqis l-anqas fost iz-zewg aggravji tal-valur … …"*

Pero, fl-opinjoni ta' din il-Qorti hemm differenza sostanzjali bejn dan il-kaz ta' **Cini** u l-kaz odjern. L-Artikolu 279 tal-Kodici Kriminali jittratta dwar serq kwalifikat bil-valur, u hemm kontemplati pieni diversi skont il-valur tal-oggett misruq. Fil-kaz ta' **Cini** – fejn l-appell kien tal-Avukat Generali biss – l-Avukat Generali kellu s-setgha jirridimensjona l-akkuza billi jnaqqas il-piena, ghax il-valur tal-oggetti misruqa kien min-natura tieghu xi haga varjabbli u intrinsika ghall-istess reat ta' serq. Min-naha l-ohra fil-kaz tal-Artikolu 153 hemm xi haga estrinsika ghar-reat li a bazi taghha tigi determinata l-piena – is-sentenza li tkun ghaddiet in gudikat, kontra l-persuna li tkun harbet jew l-akkuza/imputazzjoni migjuba kontra dik il-persuna. Din hi xi haga oggettiva, li l-imputati Meli u Debono qatt ma jistghu jippretendu li l-Avukat Generali jista' jbiddel. In fatti, ikun abbuz li kieku l-Avukat Generali jittanta jaghmel hekk.

In vista tas-suespost, sakemm is-sentenza kontra l-prigunier mahrub jew il-piena moghtija f'din is-sentenza tirrizulta mill-atti, ma kienx hemm ghalfejn li l-Avukat Generali jiddistingwi bejn il-paragrafi (a), (b) u (c) tal-Artikolu 153.

Ghaldaqstant, din is-sottomissjoni tal-imputati Meli u Debono qieghda tigi michuda.

## Konsiderazzjonijiet fil-Meritu

[14] *Per* Onor. Imhallef Dr. Vincent De Gaetano.

*L-imputazzjonijiet dwar ksur tal-Artikoli 214, 216 u 139A(b) tal-Kodici Kriminali*

Fil-kaz odjern, mill-provi jirrizulta li l-prigunier Toornstra huwa bniedem twil (1.99 metri[15]), ta' certu sahha u statura. Kien hemm incident wiehed precedenti fil-habs, fejn tlett ufficjali tal-habs, li wiehed minnhom kien addestrat fir-*riot control* sabuha difficli jikkontrollawh.[16] Mill-provi jirrizulta wkoll li dan il-prigunier, li kien ilu l-habs mis-sena 2000, repetutament iggieled u anki hebb ghal prigunieri ohra u ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' ufficcjali ohra.[17]

Fl-opinjoni konsiderata tal-Qorti ma hijiex kredibbli li wara li harab mill-kustodja tal-imputati Meli u Debono, Toornstra arrenda malli lahqu l-imputat Meli fis-*side street*, kif jallega hu. Il-verzjoni tal-imputati li Toornstra irrezista l-arrest u baqa' aggressiv kemm fil-karozza u wkoll wara li dahlu l-habs hija aktar kredibbli. Konsegwentement, l-imputati kellhom – kif kien fid-dover taghhom li jaghmlu – juzaw il-forza sabiex jarrestaw, irazznu u jikkontrollaw lill-prigunier evaz. Il-kwistjoni fil-kaz odjern hija, jekk il-forza li intuzat fuq l-imputat marritx oltre dak li kien necessarju, ragonevoli u proporzjonat fic-cirkostanzi, u b'hekk iddegenerat fi swat, *o meno*.

Mir-rapport tal-espert Dottor Mario Scerri ma jirrizultax li l-feriti kollha, hlief dik tal-ksur tal-kustilja, kienu feriti ta' natura gravi, u ghalhekk din il-Qorti ser tqis li dawn il-feriti, konsistenti principalment fi grif superficjali, abrazjonijiet u xi tbengil hafif, kienu feriti ta' natura hafifa. Mhux l-istess pero jista' jinghad ghat-trauma konsistenti fi frattura tad-disa' kustilja fuq in-naha tal-lemin ta' Toornstra, li giet riskontrata mill-espert Dottor Mario Scerri u li tidher fir-radjografija (ritratti 33 u 34)[18], u li skont l-istess espert hija

[15] Skont ir-records tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin a fol. 328 tal-process.

[16] Ara xhieda ta' PC 477 Julian Saliba a fol. 310 *et seq* tal-process u x-xhieda ta' David Scerri a fol. 320 tal-process.

[17] Ara xhieda tas-Supretendent Abraham Zammit a fol. 163 *et seq.* u a fol. 237 *et seq.* tal-process.

[18] A fol. 47 u 48 tar-relazzjoni ta' Dottor Mario Scerri, ezebita bhala Dok MS a fol. 127 *et seq.* tal-process.

ta' natura gravi *per durata*,[19] u ghalhekk taqa' taht l-Artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali.

M'hemmx dubbju li hafna mil-lezjonijiet superficjali setghu kienu kompatibbli mas-sarar tal-ufficjali koncernati biex il-prigunier evaz jigi ikkontrollat, imrazzan u mehud lura lejn il-habs ta' Kordin u mpoggi go cella. Pero, mill-banda l-ohra, hemm tlett feriti ohra, u cioe z-zewg marki taz-zraben fuq dahar il-prigunier u l-marka taz-zarbun l-ohra fuq drieghu, li jindikaw illi xi hadd jew xi whud mill-ufficcjali koncernati akkanixxew ruhhom kontra l-prigunier evaz, billi uzaw forza zejda u mhux mehtiega kif anke osserva l-istess espert Dottor Scerri. Mir-rapport ta' Dottor Scerri jirrizulta li l-ksur tal-kustilja tan-naha tal-lemin tal-prigunier, *"kienet rizultat tat-trawma diretta maghmula minn qiegh ta' zarbun, hekk kif indikat iktar 'il fuq"* fuq dahar l-istess prigunier.

Illi l-istess prigunier ma kienx kapaci jidentifika l-persuna li kkagunatlu l-ferita gravi fuq imsemmija, anzi jghid li fil-kuritur tal-habs, li l-ufficcjali tal-habs li daru ghalih kienu sitta (6) u cioe mhux biss l-erba' (4) imputati. Konsegwentement hawnhekk tinholoq il-problema tal-identifikazzjoni tal-awtur ta' din il-ferita ta' natura gravi. Illi mir-rapport ta' Dottor Mario Scerri jirrizulta li din il-ferita kienet kagunata minn daqqa minn qiegh ta' zarbun wiehed fuq dahar il-prigunier, li zgur ma setghetx tinghata minn erbgha (4) jew sitta (6) ufficcjali tal-habs involuti. Ghalhekk fil-mankanza ta' identifikazzjoni pozittiva u specifika tal-awtur ta' din id-daqqa ta' qiegh ta' zarbun u l-ferita gravi rizultanti, ovvjament hadd mill-erba' (4) imputati ma jista' jinstab hati bhala awtur fir-rigward ta' din il-ferita gravi.

Lanqas ma jidher il-kaz li hawnhekk, fl-assenza tal-identifikazzjoni tal-awtur, huwa applikabbli l-Artikolu 237 tal-Kodici Kriminali, li jiddisponi dwar offizi kagunati waqt glieda accidentali, fejn kull wiehed li jkun ha parti attiva kontra l-offiz jehel piena ridotta ghar-reat li jirrizulta. Dan l-Artikolu ma japplikax fil-kaz odjern, ghaliex fil-fehma ta'

[19] Ara fol. 55 tar-relazzjoni ta' Dottor Mario Scerri.

din il-Qorti, il-kaz odjern ma jittrattax glieda accidentali, imma originarjament kien jittratta xoghol doveruz da parti tal-ufficcjali tal-habs li jafferraw, irazznu u jikkontrollaw – anki permezz tal-immanettjar – lill-prigunier evaz, li kif diga inghad ma hemmx dubbju li offra certu ammont ta' rezistenza lill-istess ufficcjali, li kellhom kull dritt li juzaw il-forza meqjusa fuq il-prigunier mahrub.

Sfortunatament pero, jidher li l-istess ufficcjali jew uhud minnhom akkanixxew ruhhom kontra l-istess prigunier, u kien hemm min minnhom sahansitra tah bil-qiegh taz-zarbun fuq dahru u drieghu, kif jirrizulta mill-*bootmarks* riskontrati fuq il-persuna tal-istess prigunier. Din il-Qorti tikkondividi l-osservazzjoni f'waqtha tal-espert mediku, li dawn id-daqqiet bil-qiegh taz-zarbun - u partikolarment wahda minnhom waslet ghal ksur tal-kustilja fuq imsemmija – marru oltre mill-forza legittima li kellhom il-htiega juzaw l-ufficcjali tal-habs biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni. Li ufficjal tal-habs, liebes il-*boots*, litteralment jghaffeg b'siequ dahar prigunier, li necessarjament dak il-hin kien qieghed wiccu l-isfel mal-art, certament mhux kompatibbli ma' forza ragonevoli u proporzjonata, izda huwa kompatibbli ma' swat, u dan is-swat ma seta' jkollu l-ebda skop iehor, ghajr dak li jikkastiga lill-prigunier talli ipprova jahrab.

Ghal fini ta' kompletezza, il-Qorti tixtieq tirrileva li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-imputati jghidu li l-*bootmark* ma hija tal-ebda wiehed minnhom skont il-konkluzjoni tal-espert nominat Joseph Mallia.[20] Din l-asserzjoni hija fattwalment inkorretta. L-espert Joseph Mallia gie mahtur mill-Magistrat Inkwerenti sabiex *"jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali elevati minn fuq ix-xena tad-delitt ma' dawk li jiehu minn fuq iz-zraben milbusa mill-Ufficcjali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ... ..."*[21] (sottolinear ta' din il-Qorti). Ix-xena tad-delitt li ghaliha ghamlet riferenza l-Magistrat Inkwerenti kien il-hajt tal-kurutur, hdejn il-kamra tal-membri tal-SRT

[20] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati a fol. 373 tal-process.

[21] Ara digriet tal-Magistrat Inkwerenti a fol. 6 tal-inkjesta dwar l-*in genere*.

fil-pjan ta' isfel, tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, stante li fuq dan il-hajt instabu diversi marki ta' pedati.[22] Ghalhekk la l-espert Joseph Mallia u lanqas ebda espert iehor ma ghamel ezami komparattiv bejn il-*bootmarks* riskontrati fuq il-persuna tal-prigunier u z-zraben tal-imputati – dejjem jekk tali ezami komparattiv jista' xjentifikament isir.

Din il-Qorti hija tal-fehma pero, illi ghalkemm m'huwiex maghruf l-awtur tal-ferita gravi in kwistjoni, l-erba' (4) imputati bil-partecipazzjoni taghhom attiva kontra l-prigunier sahhew il-volonta' ta' xulxin fil-kommissjoni tar-reat mill-awtur tal-istess ferita gravi, u dana jirrendihom komplici fil-kommissjoni tal-istess reat ta' ferita gravi *per durata* a tenur tal-Artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fl-infrazzjoni tal-ligi kontemplata fl-Artikolu 139A(b) tal-Kodici Kriminali. Certament fir-rigward biss ta' din il-ferita ma jistghax japplika l-ewwel proviso tal-imsemmi Artikolu 139A, ghaliex din il-ferita tidher li kienet kagunata minn atti li jezorbitaw minn dawk ta' *"sanzjonijiet jew mizuri legittimi"*.

Din il-Qorti qieghda tasal ghal din il-konkluzjoni in vista li l-Artikolu 467(2) tal-Kodici Kriminali – rez applikabbli ghal proceduri quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bl-Artikolu 525(3) tal-Kodici Kriminali – jippreskrivi li meta ma jigix ippruvat li l-akkuzat kien l-awtur jew wiehed mill-awturi tar-reat migjub fl-att tal-akkuza, izda jigi ippruvat li kien komplici, il-guri jista' jiddikjara l-akkuzat hati ta' komplicita'. Din l-interpretazzjoni giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dr. Lawrence Pullicino** deciza fil-15 t'April, 1994.

*L-Imputazzjonijiet taht l-Artikoli 339(1)(d), 339(1)(e) u 339(1)(l) tal-Kodici Kriminali*

In vista tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, l-imputati huma wkoll hatja, mhux bhala awturi, imma bhala komplici a tenur tal-Artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali, tal-kontravenzjoni taht l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali,

[22] Ara rapport ta' Joseph Mallia a fol. 85 tal-inkjesta dwar l-*in genere*.

u cioe li hebbew kontra l-prigunier sabiex jingurjawh, idejjquh jew jaghmlulu hsara.

Pero l-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e) – u cioe li inġurjaw jew heddew lil prigunier - ma tirrizultax pruvata.

U lanqas tirrizulta pruvata l-kontravenzjoni li l-imputati inbuttaw lill-prigunier fit-triq biex iweggghuh, bi ksur tal-Artikolu 339(1)(l) tal-Kodici Kriminali, stante li ma giex pruvat il-post fejn inghataw id-daqqiet biz-zarbun.

*<u>Il-Kwalifika taht l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali</u>*

Inoltre, jirrizulta wkoll ksur tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, ghax l-erba' (4) imputati, bhala ufficjali jew impjegati pubblici kellhom l-obbligu li jissorveljaw biex ma jsirux reati simili, kif ukoll jimpedixxu l-kommissjoni ta' dawn ir-reati.

Mhux talli dan ma sarx, izda kif gia ntqal l-erba' (4) imputati bil-partecipazzjoni attiva taghhom kontra l-prigunier, irrendew ruhhom komplici fil-kummissjoni tal-istess reat, billi sahhew il-volonta ta' xulxin u *ergo* tal-awtur fl-aggressjoni mhux gustifikata, li f'hin minnhom saret fuq il-prigunier.

Kien id-dover ta' kull wiehed mill-erba' (4) imputati li jimpedixxi lil shabu mill-uzu ta' vjolenza eccessiva u mhux gustifikata, li jirrizulta li intuzat kontra l-prigunier, izda ma jirrizultax li dan ghamluh.

*<u>L-imputazzjoni tal-ksur tal-Artikolu 153 tal-Kodici Kriminali</u>*

Rigward l-imputazzjoni tal-ksur tal-Artikolu 153 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-imputati Francis Debono u Francis Meli, din il-Qorti tosserva li kienet imprudenza grossolana da parti ta' dawn l-imputati, meta fil-karozza, mhux biss ma immanettjawx lill-prigunier, izda wkoll hallewh jiftah it-tieqa tal-hgieg, b'mod li allura seta', facilment u x'hin irid, johrog idejh u jiftah il-bieba minn barra, u b'hekk

jinnewtralizza ic-*childlock* li skont l-istess imputati, il-karozza kienet munita biha. Dan in-nuqqas sar minkejja li l-prigunier Toornstra kien meqjus fil-habs bhala prigunier *high risk* u mhux li m'ghandhux jigi fdat.[23]

Dan in-nuqqas zgur li ikkontribwixxa ghal harba sussegwenti tal-prigunier, li imbaghad eskalat fl-incident kollhu in dezamina, mertu ta' din il-kawza. Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputati Francis Debono u Francis Meli hatja wkoll tar-reat kontemplat fl-Artikolu 153(c) tal-Kodici Kriminali, stante li l-prigunier Toornstra kien ikkundannat ghal piena ta' hmistax (15)-il sena habs.[24]

## Konsiderazzjonijiet dwar Piena

Illi fir-rigward ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li r-reati kontemplati fl-Artikoli 214, 216(1)(d), 141 u 339(1)(d) huma assorbiti ghal fini ta' piena fir-reat magguri kontemplat fl-Artikolu 139A(b) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll illi l-fedina penali aggornata tal-imputati George Falzon u Daniel Cuschieri hija wahda netta. L-imputat Francis Meli kien instab hati ta' kontravenzjoni fl-1988, filwaqt li l-imputat Francis Debono ghandu zewg kundanni fil-fedina penali tieghu, pero ma humiex ta' natura allarmanti.

[23] Ara xhieda ta' David Scerri a fol. 320 tal-process.

[24] Ara xhieda ta' Perry Toornstra a fol. 56 tal-process, u dan mhux kontestat mill-imputati, kif jidher minn nota ta' sottomissjonijiet taghhom a fol. 346 tal-process.

## Konkluzjoni

*Fil-konfront ta' Francis Debono u Francis Meli*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 216(1)(d), 139A(b), 141, 339(1)(d), 339(1)(e) u 339(1)(l), 153(c) u 42(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Francis Debono u Francis Meli mhux hatja bhala awturi tal-imputazzjonijiet li jaqghu taht l-Artikoli 214, 216(1)(d) u 139A(b) tal-Kapitolu 9, izda hatja bhala komplici tar-reati kontemplati fl-istess Artikoli, a tenur tal-Artikolu 42(e) u bil-kwalifika taht l-Artikolu 141 tal-istess Kapitolu 9, bl-assorbiment tar-reati taht l-Artikoli 214 u 216(1)(d) bil-kwalifika taht l-Artikolu 141 fir-reat taht l-Artikolu 139A(b) ghal fini ta' piena. Il-Qorti ssib lil dawn iz-zewg imputati hatja wkoll tal-imputazzjoni taht l-Artikolu 153(c) tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti qed issib lil dawn iz-zewg imputati mhux hatja bhala awturi tal-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9, pero hatja bhala komplici tal-istess kontravenzjoni a tenur tal-Artikolu 42(e) tal-Kapitolu 9, b'dana pero, illi dan reat, ukoll ghal fini ta' piena, qed jigi assorbit fir-reat taht l-Artikolu 139A(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ma ssibx lil dawn iz-zewg imputati hatja taz-zewg kontravenzjonijiet dedotti skont l-Artikoli 339(1)(e) u 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi ma jirrizultawx pruvati u qed tilliberahom minnhom.

Ghalhekk il-Qorti qed tikkundanna lil Francis Debono u lil Francis Meli ghal piena karcerarja effettiva ta' hames snin u tlett xhur.

*Fil-konfront ta' Daniel Cuschieri u George Falzon*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 216(1)(d), 139A(b), 141, 339(1)(d), 339(1)(e) u 339(1)(l) u 42(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Daniel Cuschieri u George Falzon mhux hatja bhala awturi tal-

imputazzjonijiet li jaqghu taht l-Artikoli 214, 216(1)(d) u 139A(b) tal-Kapitolu 9, izda hatja bhala komplici tar-reati kontemplati fl-istess Artikoli, a tenur tal-Artikolu 42(e) u bil-kwalifika taht l-Artikolu 141 tal-istess Kapitolu 9, bl-assorbiment tar-reati taht l-Artikoli 214 u 216(1)(d) bil-kwalifika taht l-Artikolu 141 fir-reat taht l-Artikolu 139A(b) ghal fini ta' piena.

Il-Qorti qed issib lil dawn iz-zewg imputati mhux hatja bhala awturi tal-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9, pero hatja bhala komplici tal-istess kontravenzjoni a tenur tal-Artikolu 42(e) tal-Kapitolu 9, b'dana pero, illi dan reat, ukoll ghal fini ta' piena, qed jigi assorbit fir-reat taht l-Artikolu 139A(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ma issibx lil dawn iz-zewg imputati hatja taz-zewg kontravenzjonijiet dedotti skont l-Artikoli 339(1)(e) u 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi ma jirrizultawx pruvati u qed tilliberahom minnhom.

Ghalhekk il-Qorti qed tikkundanna lil Daniel Cuschieri u lil George Falzon ghal piena karcerarja effettiva ta' hames snin.

*<u>Fil-konfront tal-erba' (4) hatja</u>*

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hatja ihallsu kwart (1/4) kull wiehed tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe elf mitejn u wiehed u sebghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€1271.59) kull wiehed, li b'kollox jammontaw ghas-somma ta' hamest elef sitta u tmenin Euro u sitta u tletin centezmu (€5086.36). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sena (1) mil-lum, b'dan li jekk l-hatja jonqsu li jhallsu dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilhom preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------